# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, l-Erbgha, 26 ta' Lulju, 2023**

**Kaz Nru.**

**Rikors Nru. 102/2023 ISB**

**Bin Han (KI: 524413L)**
**Jia Liu (KI: 64215A)**
**Leisure Clothing Limited (C8265)**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat u**
**L-Avukat Generali**

**DAN HU DIGRIET MOGHTI FIL-MIFTUH GHAR-RIKORS TA' BIN HAN (KI: 524413L), JIA LIU (KI: 64215A) U LEISURE CLOTHING LIMITED (C8265) TAT-8 TA' GUNJU 2023, U LI PERMEZZ TIEGHU QED JITOLBU ILLI L-QORTI TAWTORIZZA KORREZZJONI A TENUR TAL-ARTIKOLU 175 TAL-KAP 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA**

**Il-Qorti:-**

Rat **ir-Rikors** tar-rikorrenti tat-8 ta' Gunju 2023, li permezz tieghu qed jitolbu illi ssir korrezzjoni fir-rikors promotur fis-sens illi:

1) Wara l-ahhar kawzali tizdied klawsola ohra li tghid:

   *Illi l-esponenti kienu gja gew akkuzati u sentenzjati permezz ta' citazzjoni tad-9 ta' Settembru 2014 b'reati konessi mal-itess fatti u zminijiet u uhud minnhom identici ghal dawk tal-kaz in dizamina u koncernanti l-istess haddiema fejn huma gew ikkundannati probation bil-kundizzjoni li jhallsu l-flus msmemija.*
   *Illi ghalhekk huma qed isofru lezjoni manifesta u lampanti taht l-artikoly 4 tal-Protokoll 7 u l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni.*

2) Wara l-ahhar talba tizdied talba ohra li tghid:

   *Tiddikjara illi l-fatt illi l-esponenti gew ipprocessati fuq l-istess fatti darbtejn jilledi d-dritt taghhom skond l-artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u konsegwentament thassar l-proceduri kollha decizi mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-6 ta' Jannar 2023 fil-konfront tal-esponent ab inizio inkluz is-sentenza konsegwenzjali bhala irriti, nulli u monki.*

Rat id-**Digriet** provvisorju taghha tad-9 ta' Gunju 2023;

Rat ir-**Risposta** tal-intimati tad-19 ta' Gunju 2023;

Semghet ix-xhiedha mressqa fir-rigward ta' dan ir-rikors fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2023 u semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti kollha, inkluz id-dokumenti allegati u d-dokumenti esebiti mar-rikors odjern;

**Ikkunsidrat**

Illi dan id-digriet jitratta talba tar-rikorrenti sabiex "*ai termini tal-artikolu 175* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tawtorizza korrezzjoni fir-rikors promotur, fis-sens:

illi wara illi tigi mizjuda **<u>kawzali</u>** ohra fl-ahhar li tkun tghid

"*Illi l-esponenti kienu gja gew akkuzati u sentenzjati permezz ta' citazzjoni tad-9 ta' Settembru 2014 b'reati konessi mal-itess fatti u zminijiet u uhud minnhom identici ghal dawk tal-kaz in dizamina u koncernanti l-istess haddiema fejn huma gew ikkundannati probation bil-kundizzjoni li jhallsu l-flus msmemija.Illi ghalhekk huma qed isofru lezjoni manifesta u lampanti taht l-artikoli 4 tal-Protokoll 7 u l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni",*

tizdied **talba** ohra sabiex il-Qorti

"*Tiddikjara illi l-fatt illi l-esponenti gew ipprocessati fuq l-istess fatti darbtejn jilledi d-dritt taghhom skond l-artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u konsegwentament thassar l-proceduri kollha decizi mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-6 ta' Jannar 2023 fil-konfront tal-esponent ab inizio inkluz is-sentenza konsegwenzjali bhala irriti, nulli u monki".*

**Ikkunsidrat Ulterjament:**

Illi l-intimati jilqghu ghal dan ir-rikors ghall-awtorizazzjoni ta' korrezzjoni fir-Rikors promotur billi jsosntu illi din it-talba ma tinkwadrax f'dak li trid il-ligi bl-Artikolu 175 tal-KAP 12, anke ghaliex din mhix talba ghal korrezzjoni izda talba ghal zieda fit-talbiet. Huma jelenkaw numru ta' digrieti moghtija minn dawn il-Qrati in sostenn ta' dak li jghidu.

Ulterjorment isostnu illi r-rikorrenti "*qatt ma kienu impossibilitati milli jressqu tali talba fil-bidu tal-proceduri stante illi l-proceduri tad-DIER li qeghdin jilmentaw minnhom issa kienu jezistu ferm qabel l-intavolar tal-kawza*". Jsostnu illi "*ir-rikorrenti ma jistghux jitwemmnu meta jghidu illi issa saru jafu li kien hemm proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati li skattaw minn ittra ta' DIER stante illi jirrizulta mill-atti processwali li gew esebiti f'din il-kawza illi r-rikorrenti kienu validament notifikati b'tali proceduri u li kienu ressqu id-difiza taghhom*", oltre` milli jidher illi kienu anke assistiti minn wiehed mill-Avukati hawnekk sottofirmati.

Illi l-**Artikolu 175 (1) tal-KAP 12** tal-Ligijiet ta' Malta ighid espressament hekk:

> *Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-*

> *partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.*

Illi din il-materja gia ġiet trattata minn din il-Qorti diverament preseduta. Hekk per eżempju, fil-kawża **Anthony sive Tanio Cassar vs Avukat tal-Istat**[1], il-Qorti qalet:

> *L-iskop tal-leġislatur wara l-Artikolu 175(1) tal-Kap 12 kien ċertament illi safejn ikun possibli, jiġu ssanati u salvati l-atti, u tiġi evitata dupliċità ta' kawżi u jiġi evitat dak il-formaliżmu rigoruż li jista' jwassal biex tiġi stultifikata l-ġustizzja sostantiva. U dan billi jkunu jistgħu jiġu awtorizzati mill-Qorti dawk il-korrezzjonijiet kollha neċessarji li ma jbiddlux fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża, u ma joħolqu ebda preġudizzju għad-drittijiet tal-kontroparti. Il-Qrati tagħna mhumiex favur il-formaliżmu esaġerat u fejn jistgħu, isalvaw l-atti u mhux jannullawhom.*
>
> *"Il-prassi segwita mill-Qrati tagħna, anke abbażi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluż l-Art. 175 tal-Kap. 12 hija li formaliżmu eżaġerat ilu ħafna li ġie mnaqqas u limitat u bir-raġun il-liġi qegħda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formaliżmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh (***Malta Development Corporation vs. Paul Licari** deċiża mill-Prim'Awla fit-22 t'April 2004; **Charles Fino vs. Alfred Fabri noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 1997, **Maurizio Urso vs. Fr. Charles Cini,** deċiża mill-Prim'Awla fid-19 ta' Jannar 1999), u konsegwentement l-atti għandhom jiġu salvati anziché annullati jew dikjarati nulli (**Ellul vs. Coleiro** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Jannar 1994. Ara wkoll **Guillaumier Industries Ltd vs. Fava et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ottubru 1998; **Attard noe vs. Galea** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju 1998, u **Aquilina vs. Cassar**, Vol.LXXVI.IV.666)"
>
> *Din il-Qorti hija fil-prinċipju propensa li ssostni li kull fejn att ġudizzjarju <u>milqut minn difett jew irregolarità proċedurali jkun possibli li jiġi ssanat u salvat</u>, fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju u l-buon sens ta' prattiċità, m'għandha ssib l-ebda diffikultà li*

[1] 68/2021LM, digriet tal-21 ta' Marzu 2022

*ssalva l-att milqut, dejjem fil-limiti ta' dak li tipprovdi l-liġi fl-artikolu 175(1) tal-Kap. 12, u ċjoé illi t-tibdil meħtieġ biex jigi ssanat l-att ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu. Madankollu fil-każ odjern, fl-eventwaliltà li t-tibdil rikjest mir-rikorrent jiġi milqugħ, is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet fuq il-meritu tal-kawża evidentement ser tiġi mibdula, tant hu hekk illi f'dan l-istadju inoltrat tal-proċeduri, ikun irid jingħata terminu għal eċċezzjonijiet ulterjuri u anki għal noti ta' sottomissjonijet ulterjuri.*

Fil-kawża fl-ismijiet **Perit Arkittett Valerio Schembri vs Reġistratur tal-Qorti et**[2], il-Qorti qalet:

*Minn dan jidher li s-setgħa mogħtija lill-Qorti hija waħda vasta u intiza sabiex jiġu evitati ċerta eċċezzjonijiet kif ukoll multipliċita' ta' kawżi. Din is-setgħa iżda hija suġġetta għal ċertu kontroll billi l-Qorti adita b'talba simili trid tassigura ruħha li s-sostituzzjoni jew tibdil rikjest "ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu." B'dan jidher li ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur li tingħata "carte blanche" lill-kontendenti billi dawn ikunu jistgħu jbiddlu l-mertu tal-kawża bis-sempliċi sostituzzjoni jew tibdil rikjest.*

**Ikkunsidrat:**

Fil-każ odjern, ir-rikorrenti, bir-rikors promotur taghhom li ghalih qed jittentaw iz-zieda, jallegaw ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom in segwitu ghas-sejbien ta' htija taghhom b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Jannar 2023, ghal akkuzi illi kienu addebitati bihom fid-19 ta' Novembru 2014 meta tressqu sabiex jirrispondu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Illi dan jaghmluh ghar-ragunijiet elenkati fl-istess rikors fejn isostnu principarjament illi huma sofrew ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq fuq numru ta' punti li jistghu jigu sintetizzati f'seba' oqsma, skond l-istess titoli maghmula fir-rikors promotur:

- Sentenzjati fuq akkuza prezentata fuori terminu

[2] 540/2004/1, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fl-11 ta' Novembru 2011

- Sentenzjati ghal akkuzi mwettqa minn kumpannija li giet punita kontra l-ligi
- Nuqqas ta’ zmien xieraq ghad-determinazzjoni tal-akkuzi
- Ri-evalwazzjoni tal-provi minn Qorti tal-Appell twassal ghal nuqqas ta’ smiegh xieraq
- Fehem manifestament zbaljat ta’ xhieda
- Cahda mid-dritt ta’ Appell
- Leisure Clothing Limited mhux parti mill-kawza izda punita

Illi r-rikors odjern qed jitresaq għaliex, kif jistqarru huma stess, fil-granet precedenti ghall-prezentata tieghu, “*irrizulta lill-Avukati sottofirmati illi mill-istess fatti kienu inbdew ohra proceduri li kienu qed jinstemghu quddiem il-Magistrat C. Peralta*”. Jsostnu illi jirrizulta illi “*minn qari ta’ dawn l-akkuzi jirrizulta illi uhud mill-akkuzi huma identici ghal dawk fil-proceduri mertu ta’ din il-kawza u zgur li l-akkuzi kollha jemergu mill-istess fatti*”.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi fir-Rikors promotur ma jirrizultax illi r-rikorrenti lmentaw minn dak li qeghdin jilmentaw minnu llum.

Minn harsa lejn l-atti, il-Qorti tista’ tikkonstata illi jirrizulta illi kien hemm tlett proceduri inizjalati mill-Pulizija Ezekuttiva fuq il-procedura tad-DIER, u qed jigu elenkati bl-ordni tad-data illi kellhom jinstemghu, almenu, l-ewwel seduta ta’ kull wahda:

1) ittiehdu proceduri kriminali kontra r-rikorrenti b’referenza EP 533/14 DIER 180/14 (DIER Sitting), kif jirrizulta minn tahrika tal-Pulizija li ukoll ordnat lill-hemmek imharrkin jidhru quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr Carol Peralta, fid-9 ta’ Settembru 2014 **sabiex jirrispondu ghal akkuzi relatati ma’ nuqqas ta’ hlas ta’ pagi u sahra f’diversi perjodi**,

2) ittiehdu proceduri kriminali kontra r-rikorrenti b’referenza EP 658/14 DIER 260/14 (DIER Sitting), kif jirrizulta minn tahrika tal-Pulizija li ukoll ordnat lill-hemmek imharrkin jidhru quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr Carol Peralta, fis-7 ta’ Ottubru 2015 **sabiex jirrispondu ghal akkuzi relatati ma’ nuqqas ta’ kooperazzjoni u informazzjoni li kellhom jghaddu lill-ispetturi tad-DIER**. Mix-

xhiedha ta' Franklin Calleja, Registratur tal-Qrati Kriminali, moghtija fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2023, ghal domada maghmula mid-difensur tar-rikorrenti, jirrizulta illi dawn il-proceduri jidher illi tkomplew mill-Qorti kif preseduta mill-Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech u gew decizi b'multa ta' hames mitt euro,

3) ittiehdu proceduri kriminali ohra kontra r-rikorrenti b'referenza EP 533/14 (DIER Sitting), kif jirrizulta minn tahrika tal-Pulizija li ukoll ordnat lill-hemmek imharrkin jidhru quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr D Frendo Dimech, fit-28 ta' Novembru 2017 **sabiex jirrispondu ghal nuqqasijiet relatati ma' sensji kollettivi maghmula f'perjodu partikolari**.

Fit-trattazzjoni tal-abbli difensur tar-rikorrenti, inghad car illi dawn huma l-unici tlett proceduri illi r-rikorrenti wiegbu ghalihom. U d-dokumenti esebiti fl-ahhar seduta jikkorroboraw in parte dak hawnekk stabbilit.

Il-Qorti semghet lil Nigel Xuereb Said, rapprezentat tad-DIER jixhed u mressaq mir-rikorrenti appuntu bl-iskop illi l-Qorti tiddetermina dan ir-rikors. Ma tistghax tghid illi din ix-xhiedha illuminat wisq lill-Qorti, fis-sens illi ma tarax kif ix-xhiedha tieghu tista' tbiddel jew b'mod iehor tikkonfondi dak illi gie pprezentat mir-Registratur tal-Qorti. Dan qed jinghad ukoll u principalment peress illi huwa kien qed jixhed minn notamenti illi ghamel haddiehor u fuq kollox, fi kliemu stess, id-Dipartiment ma jzommx kopja tal-proceduri legali. Ftit ghalhekk seta' dan ix-xhud jillumina lill-Qorti diversament minn dak li hija stabbiliet kif dikjarat hawn fuq bbazat fuq id-dokumenti esebiti.

Bizzejjed jinghad illi fuq domanda tal-Avukat tar-rikorrenti dwar liema kawza kienet qed tinstema' fid-dati minnhu moghtija, ir-risposta ta' Nigel Xuereb Said kienet "*Jiena ha nirreferi ghal numru tal-fajl li jkollna d-dipartiment*". Izid ighid illi "*once li charges jinharrgu jew jintbghatu ghand il-Pulizija umbaghad ftit li xejn ikollna kuntatt. Ahna bhala dipartiment jekk ikollna kuntatt ikun ma dak l-ex employer jew inkella mal-claimant*".

Fuq kollox, fuq domanda specifika tal-Qorti:

> QORTI : *Ifhem id-domanda fil-konfront ta' dawn it-tnejn minn nies, igifieri ta' Bin Han u Jan Jung u Leisure Clothing Limited. Nixtieq inkun naf jiena jekk tista' tirrispondini inti, jemm il-akkuza, as in charge, irrispondew ghaliha quddiem il-Qorti tal-Magistrati?*
>
> XHUD : *Ma nkunx naf……..*

Huwa ghalhekk illi ghal finijiet ta' dan id-digriet, il-Qorti ser tistrieh fuq id-dokumenti esebiti u x-xhiedha tar-Registratur tal-Qrati Kriminali.

F'dan l-istadju u ghal finijiet ta' dan id-digriet ma jservix illi l-Qorti tidhol u tistharreg fid-dettall jekk l-akkuzati humiex kollha identici fit-tlett proceduri jew jekk l-akkuzi humiex l-istess u/jew naxxenti mill-istess allegati fatti, anke jekk il-Qorti tistieden lill-partijiet jaghmlu dan sewwa u bir-reqqa. Li jservi ghall-finijiet ta' dan id-digriet f'dan l-istadju hu illi f'kull inkartament ta' kull wahda mit-tlett proceduri, l-hemmek imputati, kienu minn kienu, dejjem kienu assistiti u di piu` assistiti minn rapprezentanti legali illi qieghed jassisti lir-Rikorrenti f'dawn l-odjerni proceduri.

Illi ghalhekk, il-Qorti ma tistax taccetta u tikkondividi id-dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrenti fir-rikors odjern taghhom illi "*fil-granet li ghaddew irrizulta lill-Avukati sottofirmati illi mill-istess fatti kienu nbdew ohra proceduri ….*". Il-Qorti ssib illi din l-istqarrija hija fattwalment skorretta. Dan il-fatt iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi illi hawnekk *non si tratta* ta' difett jew irregolarità proċedurali li jimmerita illi jiġi ssanat biex l-att jigi salvat.

Illi għal Qorti dan huwa każ evidenti ta' żball jew nuqqas fil-preparazzjoni tal-atti promoturi, aktar milli difett jew irregolarita' procedurali illi jista' jigi sanat bl-applikabilita' tal-Artikolu 175(1) tal-KAP 12. Setgħu isiru l-aċċertamenti kollha neċessarji qabel ma' ġiet intavolata l-kawża. Ma hemmx dubbju illi almenu wiehed mill-Avukati li qieghed jippatrocina lir-rikorrenti ghex il-proceduri kollha hawn fuq elenkati u kwindi difficli taccetta l-Qorti illi din it-talba ghaz-zieda qed issir issa ghaliex il-fatti allegati gew a konoxxenza taghhom issa.

Il-Qorti ma tistax tqis dan l-izball bhala wiehed li ghandu jigi sanat biex ikunu evitati formalizmi zejda jew rigoruzi. Filwaqt illi tifhem lir-rikorrenti illi f'kaz ta' ezitu negattiv ghalihom f'dan ir-rikors, huma jistghu jghaddu biex jintavalow proceduri godda bbazati fuq l-ilmenti godda minnhom mressqa issa, u addirittura ighaddu ukoll biex jittentaw il-konessjoni tal-azzjonijiet, b'dana kollu il-Qorti mhix komda illi ggebbed u taghmel aktar wiesgha milli diga' hi l-interpretazzjoni li qed tinghata lill-Artikolu 175 tal-KAP 12, u aktar minn hekk twassal biex anke tvarja dak issa ormai ben stabbilit bid-diversi digrieti tal-Qrati taghna. Dan qed jinghad peress illi l-Qorti tikkondividi dak sottomess mill-abbli Avukat mill-Ufficcju tal-Avukat tal-Istat, cioe`, illi t-talbiet maghmula hawnekk, jekk jintlaqghu, imorru biex ibiddlu n-natura tal-azzjoni hawnekk proposta.

Il-Qorti tqis illi jekk dan l-izball jigi ssanat kif mitlub, allura hi tkun qeghda taghti *carte blanche* sabiex rikorrent, hu min hu, jintavola kawza minghajr id-debita preparazzjoni li dan jinhtieg u twassal biex tistultifika l-process tal-kitba illi l-ligi tal-procedura trid illi jsir b'attenzjoni, fejn iva jigu koncessi tibdiliet jekk ikun necessarju u misthoqqa, imma mhux meta tinbidel s-sustanza tal-azzjoni kif originarjament proposta.

Kif gja kellha okkazjoni tesprimi ruha din il-Qorti kif anke preseduta, l-Artikolu 175(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jagħti lill-Qorti d-diskrezzjoni li tordna korrezzjoni o meno – fil-kaz odjern, din il-Qorti ma thossx illi ghandha tezercita d-diskrezzjoni a favur ir-rikorrenti meta jirriżulta ċar illi l-izball mhux difett jew irregolarita` procedurali illi fit-termini tal-ligi jimmerita illi jissewwa biz-zieda miltuba.

Il-Qorti tqis illi ma għandux ikun aċċettat illi dan l-artikolu tal-ligi jintuza sabiex parti jew oħra tippreżenta atti kif ġie ġie, mbagħad hemm il-*cushion* tal-Artikolu 175(1) - aktar u aktar meta biz-zieda mitluba, il-Qorti tqis illi jkun qed jinbidel is-sustanza ta' l-azzjoni.

Il-Qorti tifhem illi l-lista hawn fuq elenkata skond it-titoli kif jinsabu fir-Rikors promotur essenzjalment jaghmlu s-sustanza tal-kawza li qed iressqu fil-mertu, u ghalhekk tqis illi zieda bhal ma hi dik mitluba, tista' titqies illi qed tbiddel is-sustanza tal-kawza kif minnhom proposta.

**DECIDE**

**GHALDASTANT**, il-Qorti wara illi rat l-atti kollha proċesswali relattivi u rilevanti ai fini tad-determinazzjoni tat-talba mressqa fir-rikors tat-8 ta' Gunju 2023, u wara l-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq maghmula, tghaddi biex **tiċħad** it-talba tar-rikorrenti kif mressqa bir-rikors taghhom msemmi.

**Spejjeż** tal-proċedura odjerna ghar-rikorrenti.

**Moghti fil-miftuh, illum l-Erbgha, 26 ta' Lulju, 2023.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**